MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 357/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. A.P. Miruzzi)**
**Vs**

**Carl Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-14 t'April, 2007, ghall-habta tas-6.20 p.m. ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti w skond il-kundizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha w dan bi ksur tal-A.L. 79/2006 art 4(a) u A.L. 187/2006.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 t'Ottubru, 2007, li biha, wara li rat ir-regolamenti 4(a) u 27(3)(c) u l-Artikolu 31 tal-

Kapitolu 9, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal multa fl-ammont ta’ tlett mitt lira Maltin (LM300).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 t’Ottubru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha, tirrevoka s-sentenza appellata tal-10 t’Ottubru, 2007 u tilliberah mill-imputazzjoni kif dedotti w dan skond dawk il-provvedimenti w modalitajiet li din il-Qorti jidhrilha xierqa w opportuni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat Illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li kien hemm konflitt fil-provi waqt is-smiegh tal-kaz li gie totalment skartat mill-Ewwel Qorti. Di fatti Staff Sergeant Brian Gatt jghid li kien fuq il-pjanura u ma dan jaqbel ukoll Brian Bugeja. Pero' l-appellant ma kienx qieghed ghal-kacca qrib it-tankijiet tal-gas izda fix-xaqliba tan-naha l-ohra, Wied ix-Xoqqa u hemm kilometru bejn iz-zewg partijiet. Staff Sergeant Gatt kien qed jaqra fuq nota x' aktarx miktuba wara l-bieb tal-Awla, jsemmi d-data tal-14 t' April, 2007, fil-waqt li Gunner Brady rrefera ghal folja li kienet ittajpjata pulita li kienet parti minn rapport preparat u li minnha jindika ghal darba , tnejn tlieta, d-data tas-16 t' April, 2007. Li l-akkuza fl-ebda hin ma giet pruvata . L-uniku fatt li donnu qablu dwaru x-xhieda tal-prosekuzzjoni kien li l-appellant ammetta r-reat quddiemhom. L-appellant dejjem innega w dan il-fatt huwa rapportat a tempo vergine mix-xhud PS 1181 Eugenio Caruana fl-affidavit tieghu. Jekk veru ammetta maghhom, kif huma ma emfasizzawx dan il-fatt quddiem l-Ufficjal tal-Pulizija meta ntavolaw ir-rapport? Punt iehor li jimmilita favur it-tezi tal-appellant li hu ma sparax fuq it-tajra huwa l-fatt innifsu li huwa kellu kollox regolari w ma ghandu ebda precedent iehor in konnessjoni mall-kacca. L-Ufficjali tal-Armnata fl-ebda punt ma ddeskrivaew il-mossi tat-tajra w wiehed jistenna li x-xhud jiddeskrivi xi manuvra fl-arja li ghamlet it-tajra. Dan juri bic-car li l-appellant ma sparax fuq egrett izda fuq kacca ohra li hija

izghar mid-daqs, ittir baxx u tkangi mall-ambjent b' mod li facliment tisfuggi l-ghajn tal-persuna li ma tkunx imdorrija tfittex ghall-istess. . Fl-ebda hin ma xehdu li rawh jerfa w jipponta lejn l-Igrett l-Ufficjali tal-Armata. Li kieku l-appellant refa w spara ghall-egrett, dawn kienu jixhdu li rawh jitbandal mat-tiri. L-Ufficjali tal-Armata kkonkludew li l-appellant spara fuq l-egrett fuq s-semplici bazi li raw egrett hiereg il barra wara li gew sparati tiri. X'jistenna wiehed li jigri jekk ikun hemm tajra fil-qieghed u xi hadd jispara jew addirittura jhabbat?. L-appellant ma seta' qatt jinstab hati fuq semplici presuppozizzjoni w, fil-kaz ta' dubbju, dan kellu jmur dejjem favur l-appellant.

Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenzi tas-6 ta' Dicembru, 2007 u tal-10 ta' Jannar, 2008;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi x-xhieda tal-prosekuzzjoni jistghu jigu riassunti kif gej :-

**PS 1181 EUGENIO CARUANA,** li ghamel affidavit, qal li fl-14 t' April, 2007, ghall-habta tas-6.20 pm, waqt li kien xoghol, gie infurmat illi f' Wied ix-Xoqqa, Birzebbugia, kien hemm Staff Sergeant Brian Gatt u Gunner Brady Bugeja, membri tal-AFM, illi kienu raw lill-appellant jispara fuq igrett izda ma laqtux . Hu kien kellem lill-appellant li kien innega li kien spara fuq din it-tajra li hija protetta izda minn-naha tal-membri tal-AFM dawn baqghu jinsistu li kien minnu dak li raw. Ghalhekk hu kien eleva l-arma tal-marka Beretta s/n 54468 u hareg ricevuta numru 5179 u informa lill-appellant li hu kien ser jiehu passi fuq dan il-kaz.

**SURGENT MAGGUR BRIAN GATT** xehed li fiz-zmien t' April, l-AFM kienet qed taghmel *patrols* fis-South ta' Malta, f' zewg teams. It-team tieghu kien in-naha ta' Benghisa w f' dik l-area ta' hemmhekk. Is-Sibt 14 t' April, ghall-habta

tas-sitta nieqes kwart ta' filghaxija, hu kien qed isegwi tip ta' igrett li qaghad f' sigra partikolari (Hawn fuq domanda tal-Qorti kienetx tajra ta' geddumu imdendel, ix-xhud wiegeb "ezatt.") Dak iz-zmien il-kacca kienet ghas-summien u ghall-gamiem. Fil-pront kien ra lill-appellant gej bil-mixi bil-kelb tieghu w mar ghal din is-sigra partikolari. Dak il-hin lanqas kien 20 metru boghod minnhom. Kellu s-senter. Baqa' miexi lejn is-sigra w lanqas rahom lilhom ghalkemm hemm ma kien hemm xejn x' itellfu ghax blat hemm. Il-kelb dahal mas-sigra. Hareg dan l-ghasfur partikolari w l-appellant spara tlitt tiri fuqu. L-ghasfur ma waqax u baqa' sejjer. Huma marru fuq l-appellant u dan dak il-hin ammetta quddiemhom u qal : *"X'ghamlt b' idejja*" u hekk. Hadu w kklerjaw l-arma w infurmaw lill-Headquarters taghhom biex jibghatu l-Pulizija. Ma gewx tal-ALE imma gew tad-distrett ta' Birzebbugia ghax tal-ALE kellhom xi haga lejn in-North ta' Malta. Gew il-Pulizija w huma sa hemm jaslu. Mbaghad hadu *over* l-Pulizija. Mieghu kellu lil Gunner Bugeja dak n-nhar.

In-kontro-ezami, x-xhud qal li l-arma kien skargaha l-appellant stess cioe' saru n-*normal safety procedures* biex jaraw li zgur tkun skargata biex tkun cert li fil-magazine m' ghandek xejn. Ma kienx fadal skratac go fih. L-arma kienet kif suppost; tiehu tlitt skratac u dak il-hin ma kien fadal xejn go fiha. Huma ma kienux aktar minn 20 metru boghod minnu kif issugerixxa l-Avukat difensur. Is-sigra kienet ftit aktar gholja minn seba piedi approssimattivament u fiha daqs il-mejda tal-esebiti tal-awla (tal-gurijiet). Hemmhekk livell tal-bahar qieghed. Ix-xhud qal li hu mhux daqshekk dilettant tal-kacca. Summiena gieli ra w jismaghha ukoll fil-qrib u jaf kif ittir, tkun baxxa mall-art u tkun zghira. Dan l-ghasfur meta kienu qed josservawh gej minn fuq il-bahar kien gej fl-gholi, ghalkemm mhux daqstant, xi hamsin pied gholi. Huma kienu bejn il-Fortizza ta' Benghisa w l-Oil Tanking. Il-kulur tal-ghasfur kien bajdani fil-griz. Hu cert minn dan u l-igrett qaghad fil-*"branches"* ta' fuq. Mistoqsi daqs x' hiex tkun summiena, ix-xhud wera daqs (pjuttost kbir). L-igrett kien kbir (u x-xhud wera daqs akbar). Mat-tiri l-igrett

iccaqlaq biex jiskapula t-tiri imma baqa' sejjer. Il-kelb tajjru l-igrett u mhux l-appellant. Hu spara kif tajjru.

In ri-ezami, x-xhud qal li dak il-hin l-appellant ma semma ebda summiena imma qallu *"X'ghamilt b' idejja, sparajt fuq tajra protetta."* Il-Gunner li kellu mieghu huwa kaccatur huwa stess.

**GUNNER BRADLEY BUGEJA** xehed li fl-14 t' April, 2007 hu w l-Staff Sergeant kienu *patrol* in-naha ta' Marsaxlokk fejn it-tankijiet tal-gass u raw lill-appellant jispara fuq tajra protetta, igrett. Hemm kien hemm tlitt sigar zghar, forsi gholjin sular max-xifer tal-bahar, forsi 3 metri 'l gewwa u kienet  qisha bush kbira. L-appellant, li hu gharaf fl-awla, spara tlitt tiri minn fuq il-blat fid-direzzjoni tal-bahar. It-tajra kienet qeghda fuq sigra w dahal l-appellant u kien xi 6, 7, 8 metri boghod mis-sigra. It-tajra lahqet taret u x' hin taret l-appellant spara lejn il-bahar, lejn fejn gibdet it-tajra. L-igrett baqa' sejjer.

Hu kien johrog ghall-kacca. It-tajra kienet tip ta' igrett, abjad qiesu fl-isfar imma mhux isfar, qiesu gold, abjad u daru gold. Huma kienu xi 50 metru boghod fosi naqra aktar. Hu cert li ma kienetx summiena. Minn dak it-tul summiena lanqas taraha. Huma marru fuq l-appellant meta dan spara w ghall-ewwel dan qalilhom li spara fuq summiena. X'hin is-Surgent tieghu qallu : "*Le, sparajt ghal igrett.",*   L-appellant ammetta. Gew il-Pulizija w ammetta quddiemhom ukoll. Il-Pulizija gew mill-ghassa ta' Birzebbugia ghax al-ALE ma setghux jigu.  L-appellant stess qal lill-Pulizija li spara fuq igrett.

In kontro-ezami, x-xhud qal li l-appellant ammetta quddiem is-Surgent tal-Pulizija ta' Birzebbugia. Ma kienx hemm tajr iehor meta kienu fuq il-post. Dan kien l-uniku kaccatur li raw jispara fuq tajra protetta. Mistoqsi jistax ikun li ghaddiet tajra ohra qabel ma spara jew x' hin spara l-appellant, ix-xhud wiegeb li dak il-hin ma rawx tajr huma. Huma kull ma raw kien din it-tajra ttir minn fuq il-blat ghal fuq is-sigra. L-appellant ammetta li spara u qal: "Z*baljajt. Zbaljajt fuq l-igrett."*

**L-APPELLANT** ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti w ovjament ma xehedx lanqas quddiem din il-Qorti.

Ikkonsidrat;

Illi fl-istat tal-provi kif irrizulta quddiem din il-Qorti (u kif prezumibbilment irrizulta quddiem l-Ewwel Qorti) jidher assodat li fil-jum u hin indikati fic-citazzjoni, l-appellant kien qed idur ghal kacca fl-inhawi ta' Birzebbugia fejn kienu *on patrol* ukoll zewg membri tal-Forzi Armati ta' Malta. Dawn osservaw tajra diehla minn fuq il-bahar u toqghod fuq sigra baxxa vicin il-bahar u raw lill-appellant diehel lejn din is-sigra bil-kelb. Il-kelb dahal mas-sigra w tar igrett minn gos-sigra w, kif tar, l-appellant spara tlitt tiri fid-direzzjoni tieghu izda ma laqtux u l-igrett baqa' sejjer.

L-abbli difensur tal-appellant ma jikkontestax li l-appellant kien spara tlitt tiri fuq tajra proprju dak il-hin izda jsostni li t-tajra kienet summiena. Ma xehed hadd biex jikkonferma dan u l-appellant qed jistrieh fuq dak li qal lis-suldati dak il-hin meta marru fuqu ezatt wara li spara, ghalkemm dawn xehdu li maghhom l-appellant dak il-hin stess kien ammetta li kien spara fuq tajra protetta.

Imma apparti jekk din l-ammissjoni saritx jew ma saritx, il-kwistjoni kollha timpernja ruha fuq jekk l-identifikazzjoni tat-tajra minn Staff Sergeant Gatt u Gunner Bugeja kienetx wahda korretta jew le. It-tnejn xehdu li jafu jiddistingwu bejn igrett u summiena (li huma zewg tajriet al kwantu differenti minn xulxin fl-ghamla w d-daqs taghhom)

Fl-assenza ta' l-icken prova kuntrarja din il-Qorti - bhall-ewwel Qorti - ma tistax tibbaza l-konkluzzjoni taghha fuq semplici illazzjoni jew kongettura ipotizzata mid-difiza. Hemm prova konkreta w cara li t-tiri li spara l-appellant kienu fid-direzzjoni ta' igrett u ma saret ebda prova kuntrarja mill-appellant.

Mill-banda l-ohra l-argumenti li ressaq l-appellant fir-rikors tieghu jew mhumiex bazati fuq il-fatti, jew ma jwasslu imkien jew addittura huma *"non sequitur"* u bl-ebda mod ma jiskossaw ix-xhieda tal-membri tal-Forzi Armati li fis-

sustanza jaqblu dwar l-isparar li sar fuq l-Igrett li hu tajra protetta w li ma setax isir sparar fuqu fid-data imsemmija fic-citazzjoni. Xi diskrepanzi zghar li kien hemm fix-xhieda taghhom bl-ebda mod ma jirrendihom mhux kredibbli fuq "*the only point in issue"* u cioe' jekk identifikawx sew it-tajra li spara fuqha l-appellant.

Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li hemm ragunijiet bizzejjed biex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

It-terminu tal-iskwalifika tal-licenzja tal-kacca ghal zmien sena jibda' jiddekorri mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------